**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Mejju, 2017**

**Avviz Numru nru: 236/2011 MLF**

**Damian Mifsud u Jean Pierre Schank fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' kummercjali QGen Limited**

**Vs**

**Gila Isabel Al Chaaer**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz tal-atturi nomine fejn talbu lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata thallas lill-atturi nomine l-ammont ta' erbat elef, disa' mija, hamsa u hamsin Euros u tmienja u hamsin centezmu (€4955.58) rapprezentanti din is-somma ammont ta' pagi li hi rceviet matul il-"leave" ghall-maternita' u dan skond l-Artikolu 36(20) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kollha inkluz dawk tal-mandati ta' sekwestri kawtelatorji numru 1678/11 u 1677/11 u tal-ittra ufficjali numru 2146/11 u 2145/11 prezentati kontra l-konvenuta bil-procedura kkontemplata mill-Artikolu 166 (A) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi, fl-ewwel lok, u in linea preliminari, jigi eccepit illi l-konvenuta mhijiex il-legittima kontradittur u dana stante illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn ir-rikorrenti;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, preliminarjament u fi kwalunkwe kaz, l-atturi ghandhom jaghtu prova illi huma vestiti bir-rapprezentanza guridika tas-socjeta' QGen Limited (C-39865) u li setghu jipprezentaw l-avviz promotur f'isem l-imsemmija socjeta'.
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-imsemmija atturi u dana stante illi s-somma mertu ta' dina l-kawza thallset mis-socjeta' QGen Limited lill-konvenuta bhala hlas skond il-Ligi ghall-leave ghall-maternita' taghha ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi, inoltre, il-konvenuta tirrileva illi dan il-hlas gie sanzjonat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali permezz ta' sentenza fil-kawza fl-ismijiet Pulizija (Maggur John Chalker) vs Damian Mifsud u Jean Pierre Schank deciza mill-Magistrat Dr.Audrey Demicoli nhar il-31 ta' Mejju, 2011 fejn l-atturi instabu hatja li ma hallsux fil-hin, il-pagi matul il-leave ghall-maternita' dovuti lill-konvenuta;
5. Illi, fl-ahharnett, il-konvenuta tirrileva illi l-hlas lilha sar bl-accettazzjoni u l-kunsens shih tas-socjeta' QGen Limited u fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma kellhiex ghalfejn tordna lill-atturi jhallsu dak dovut mis-socjeta' QGen Limited lill-konvenuta ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana stante illi l-hlas kien diga' sar mis-socjeta' imsemmija sabiex tirregola ruhha, anke jekk b'mod tardiv.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011, il-konvenuta rtirat it-tieni eccezzjoni taghha, filwaqt li fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2012, il-konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. Il-konvenuta kienet giet impjegata mis-socjeta' QGen Limited fit-8 ta' Ottubru, 2007 bhala Customer Service Representative, permezz ta' kuntratt.[1]

2. F'Settembru, 2009 kienet infurmat lid-dirigenti tas-socjeta li kienet harget tqila u li t-tarbija kellha titwieled f'Marzu, 2010.

3. Il-konvenuta xehdet li peress li kien ser ikun difficli ghall-konvenuta li terga' lura ghax-xoghol full-time, minhabba li ma kellha l-hadd sabiex jiehu hsieb it-tarbija, il-partijiet jaqblu illi kienu ftehmu li l-konvenuta tiehu l-*maternity leave* u mbaghad tibda tahdem *part-time* mal-istess socjeta' u mid-dar.[2] Kienu ftehmu li dan il-ftehim isir bil-miktub. L-atturi nomine ma jghidu xejn fix-xhieda taghhom fuq dan l-allegat ftehim.

4. Gara li waqt li l-konvenuta kienet fuq btala l-Germanja, welldet lit-tarbija prematura fit-28 ta' Dicembru, 2009 u kella tqatta' tmien gimghat il-Germanja peress li t-tarbija kellha tigi rikoverata fl-Intensive Care Unit fl-isptar gewwa l-Germanja.

5. Il-verzjonijiet tal-konvenuta u l-atturi nomine huma kontrastanti minn dak li gara minn hawn 'l quddiem.

6. Skond il-konvenuta, hi tinsisti li meta rritornat Malta, fit-3 ta' Marzu, 2010 kienet marret tkellem lill-attur Jean-Pierre Schank dwar l-impjieg taghha. Dejjem skond il-verzjoni tal-konvenuta, dan kien qalilha li kienu impjegaw minflokha lil certu Andrew Pinks u ma kellhomx bzonnha aktar.[3] Peress li skond il-ftehim li kellhom kellha terga' tibda tahdem fl-4 ta' April, 2010, l-attur Schank kien weghdha li forsi sa' dak iz-zmien ikun hemm xoghol ghaliha. Kien ipprometta li kien ser icemplilha fil-11 ta'

[1] Ara Dokument A a fol.30 tal-process.
[2] Ara xhieda a fol. 21 u 26 tal-process u fol.52.
[3] Ara xhieda a fol.52 tal-process.

Marzu, 2010 rigward l-impjieg taghha. Kien hallasha ukoll ghax-xahar ta' Dicembru, 2009. Peress li sal-11 ta' Marzu, 2010 ma kinitx semghet minghand l-atturi, kienet regghet marret tkellem lill-attur Schank f'April, 2010 u kien qalilha li ghad ma kellhomx xoghol ghaliha, izda madanakollu kien ser jitlob xorta wahda biex tigi mgedda l-*work permit* taghha. Dakinhar ukoll ma kienx hallasha tal-*maternity leave* taghha.[4] Kien biss fl-10 ta' Mejju, 2010, li l-attur Schank kien talabha biex tmur tkellmu u kienet marret l-ghada. Kienet ikkonfermat dak kollu li kienu diga' ftehmu qabel ma kellha t-tarbija u cioe' li kellha tahdem 20 siegha kull gimgha mid-dar. Minkejja li kien ghadu ma talabx li tigi mgedda l-*work permit* taghha, kien hallasha s-somma ta' €2,565.38, hlas akkont ghall-perjodu ta' *maternity leave.* L-attur Schank kien infurmaha li kien sejjer tajjeb.[5] Fil-fatt, bdiet tahdem fit-12 ta' Mejju, 2010 mid-dar.

7. Skond il-verzjoni tal-atturi nomine, kien biss wara li ghadda z-zmien tal-*maternity leave* ghall-konvenuta, hija ma riditx tmur lura fil-post li kienet tokkupa u riedet tahdem mid-dar u kien ghalhekk li s-socjeta' QGen Limited kien dahal f'arrangament maghha, fejn hi bdiet tahdem mid-dar b'kundizzjonijiet differenti. Sakemm sar dan il-bdil, is-socjeta' kienet diga' hallset lill-konvenuta s-somma ta' €2500, rapprezentanti parti mis-somma mill-hlas tal-leave tal-maternita'.[6] L-atturi jikkonfermaw ukoll li ma kinux hallsu l-bilanc ghaliex skond il-ligi, fl-opinjoni taghhom, ladarba kienet waqqfet tahdem fil-kariga taghha u kien hemm bdil fil-kundizzjonijiet tal-impjieg taghha, hi kellha taghtihom lura l-ammont li s-socjeta' attrici kienet hallset bhala paga ghal-*leave* tal-maternita'.[7] Skond il-konvenuta, fl-14 ta' Mejju, 2010, l-attur Damian Mifsud kien infurmaha li ma kellix dritt ghall-paga ta' leave tal-maternita'.[8]

8. Minn hawn imbaghad il-fatti jidhru li huma aktar konkreti. Fit-12 ta' Lulju, 2010, wara li l-konvenuta kienet marret ghand id-Dipartiment tal-Industrija u Relazzjonijiet tal-Impjieg biex tirrapporta li s-socjeta' attrici kienet qed tirrifjuta li thallasha l-bilanc li kien ghad fadal tal-paga taghha, l-istess Dipartiment kien ghamel talba ghan-nom

[4] Ara xhieda a fol.53 tal-process.
[5] Ara xhieda a fol. 53 tal-process.
[66] Ara xhieda a fol.26 tal-process (Dokument DM2).
[7] Ara xhieda a fol.26 tal-process (Dokument DM2).
[8] Ara xhieda a fol.53 tal-process.

tal-konvenuta sabiex is-socjeta' attrici thallasha s-somma ta' €2,455.58, rapprezentanti l-bilanc li kien ghad fadal. [9]

9. Il-konvenuta tghid li hija kienet itterminat l-impjieg taghha fit-22 ta' Novembru, 2010 peress li s-socjeta' attrici ma kinitx qed thallasha tax-xoghol taghha. Tghid ukoll li l-attur Damian Mifsud kien offrielha li l-hlas li kien sar ta' €2,565.38 bhala parti mill-paga tal-leave tal-maternita' ikun bi tpacija ghas-saldu tax-xoghol li kienet ghamlet minn meta bdiet tahdem wara l-leave tal-maternita', izda hi m'accettatx, ghaliex Mifsud ippretenda li ma jkollix aktar pretensjonijijet rigward il-paga relatata mal-leave tal-maternita' taghha.[10]

10. Id-Dipartiment fetah kawza kontra s-socjeta' attrici ghall-hlas tal-paga dovuta lill-konvenuta bhala *maternity leave* u gurnata qabel s-seduta tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatatura Kriminali skedata ghal 31 ta' Mejju, 2010, s-socjeta attrici hallset lill-konvenuta l-bilanc li kien dovut bhala *maternity leave* u cioe' s-somma ta' €2,455.48.[11]

11. Gara li inghatat is-sentenza tal-Qorti, is-socjeta attrici harget mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet tal-konvenuta fl-ammonti rispettivi ta' €2,591.61 u €2,545.74 u fil-21 ta' Lulju, 2011, kienu regghu hargu sekwestru iehor fl-ammont ta' €5,075.01. L-atturi nomine xehdu li fil-fehma taghhom il-konvenuta kienet obbligata li thallas lura l-paga tal-leave tal-maternita' li s-socjeta attrici kienet hallsitha, u dan peress li hi kienet biddlet il-post taghha u kienet sahansitra tterminat l-impjieg taghha maghhom[12], u kien ghalhekk li kienu fethu dina l-kawza. Is-socjeta attrici qed titlob il-hlas ta' €4,955.58 u dan l-ammont jirrapprezenta s-somma li thallset matul il-leave tal-maternita' li kien bejn it-28 ta' Dicembru, 2009 sal-4 ta' April, 2010. Oltre minn hekk kellhom spejjes tal-ittri ufficjali, kif ukoll tas-sekwestri.[13]

12. Il-konvenuta tikkonferma ukoll illi ghal ewwel s-socjeta attrici ma kinietx hallsitha tax-xoghol li kienet ghamlet bejn il-perjodu Mejju, 2010 u Novembru, 2010, izda

[9] Ara xhieda a fol.53 tal-process.
[10] Ara xhieda a fol.54 tal-process.
[11] Ara xhieda a fol.54 tal-process.
[12]Ara x-xhieda a fol.26 tal-process.
[13] Ara xhieda a fol. 26 tal-process.

meta kienet rceviet twissija minghand id-Dipartiment tal-Industrija u r-Relazzjonijiet tal-Impjieg, is-socjeta attrici kienet hallsitha biss f'Novembru, 2011, ghall-perjodu bejn Mejju u Novembru, 2010.[14] Fit-22 ta' Novembru, 2010, il-konvenuta kienet irrizenjat mill-impjieg taghha, ghax ma kienux qed ihallsuha tax-xoghol taghha, kif ukoll peress li kif kienu c-cirkostanzi u l-imgieba tal-atturi nomine maghha ma setghetx tahdem aktar maghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Kif intqal iktar il-fuq, l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari gew irtirati mill-konvenuta, u ghalhekk jifdal l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-kwistjoni odjerna.

Is-socjeta attrici qed tibbaza l-kawza odjerna fuq l-Artikolu 36(20) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jippresrivi hekk:

*"Meta impjegata ma tergax tidhol ghax-xoghol kif provdut fis-subartikolu ta' qabel dan l-artikolu, jew, wara li tkun hekk regghet bdiet ix-xoghol tabbanduna s-servizz tal-principal taghha, minghajr raguni tajba u bizzejjed fit-tmiem sitt xhur mid-data li fiha tkun hekk regghet bdiet, din tkun obbligata bla hsara ghal kull obbligu iehor taht dan l-Att li thallas lill-Principal somma li tkun daqs il-pagi li rceviet matul il-leave tal-maternita'."*

Fis-sentenza **Awditur Generali et noe. vs Adriana Fenech** deciza fid-19 ta' Frar 2010, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[15] irriteniet hekk:

*"… … (L)-Artikolu 36(20) jistabilixxi zewg aspetti ta' rilevanza:-*

1. *Il-mankanza mill-impjegata li tirritorna ghax-xoghol jew, fil-kaz li terga' tidhol, li tabbanduna s-servizz fi zmien sitt xhur mid-data li fiha tkun regghet bdiet ix-xoghol;*
2. *L-obbligazzjoni tar-radd lura mill-impjegata tal-pagi ricevuti matul il-leave ghall-maternita' jekk tinstab li dak l-abbandun taghha kien minghajr raguni tajba u bizzejjed."*

[14] Ara xhieda a fol. 54 tal-process.
[15] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Sabiex jigi ppruvat l-Artikolu 36(20) jehtieg li jigu ghalhekk analizzati u sodisfatti tlett kriterji u cioe:-

**A) <u>L-Abbandun</u>**

Fis-sentenza fuq citata, il-Qorti tal-Appell kompliet tispjega illi l-abbandun *"meta osservat b'mod generali f'kaz ta' rizenja illi l-kondotta tal-haddiem "consistente nell'abbandono del posto di lavoro non puo', di per se' solo, avere il significato di una dichiarazione tacita di recesso, ma devono risultare anche ulteriori circostanze di fatto confirmative dell'intento dell'prestatore di recedere dal rapporto*[16]*."*

**B) <u>Perjodu ta' Sitt Xhur</u>**

Dwar il-fattur taz-zmien (sitt xhur), fl-istess sentenza gie rilevat illi *"l-importanti hu, fil-hsieb ta' din il-Qorti, illi l-impjegata tippresta lill-principal taghha xoghol effettiv f'perjodu ta' zmien li, komplessivament, jekwivali ghal sitt xhur."* Dan il-perjodu ta' sitt xhur "*jikkontempla prestazzjoni effettiva mill-impjegata biex ipatti ghall-ghoti, anke jekk legalment obbligatorju, tal-hlas tal-pagi matul id-durata tal-maternity leave in kwantu leave ghal kollox specjali u partikolari*[17]."

**C) <u>Raguni Tajba u Bizzejjed</u>**

L-investigazzjoni li jmiss tinvolvi l-konsiderazzjoni jekk l-konvenuta kellhiex verament raguni tajba u bizzejjed biex tevita s-sanzjoni tal-ligi u specifikatament, dak tal-kostringiment li hi tirrimborsa lura lis-socjeta attrici, somma li tkun daqs il-paga li rceviet matul il-leave ghall-maternita'.

Kif ipprecizat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Awditur Generali et.noe. vs Adriana Fenech,** fuq citata:

---

[16] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (2000 Numru 2170).
[17] Appell Civili per Imh.Philip Sciberras 305/2008 deciza fid-19 ta' Frar, 2010

*"Innegabilment, ghal-legitimazzjoni tal-abbandun, l-appellanti riedet dejjem tipprova, u tikkonvinci ukoll, li kellha raguni valida u gustifikata. Jekk allura c-cirkustanzi fattwali jwasslu fil-kaz partikolari ghall-konferma ta' raguni bhal dik, ukoll jekk implicita, wiehed ikollu, logikament, jadotta l-veduta, illi l-motivi kienu sufficjentement kompleti, f'liema kaz ma tigix attivata s-sanzjoni penalistika espressa kemm fil-ligi kif ukoll fil-Ftehim Kollettiv. Dan huwa hekk in kwantu l-motiv gustifikat jassumi dik il-kwalifikazzjoni guridika idoneja li tillegittima r-rizenja anke fil-perjodu statutorju utli ta' sitt xhur, u li tigi evitata s-sanzjoni.*

*Issa l-espressjoni "raguni tajba u bizzejjed," ghal liema jirreferi l-Artikolu 36 (20), hi askrivibbli ghat-tipologija ta' dak il-modulu generiku uzat mill-Att (Kapitolu 452) f'disposizzjonijiet ohra tieghu. ... ... Stharrig ta' dan l-Artikolu kien sar minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "Cavendish Hotels Limited vs. Jesmond Beck," deciz fit-23 ta' Novembru, 2005. Ghal dak li jiswa, fih gew ravvizati l-konsiderazzjonijiet segwenti:-*

*(1) "Konsimili ghal kaz ta' licenzjament, ir-rizenja volontarja mis-servizz u allura recess mill-kuntratt ta' impjieg, huma marbuta mal-principju tal-kawza gusta ... ... Naturalment, din il-kawza gusta jew raguni tajba trid tigi rigorozament pruvata minn min jadduciha bhala liberazzjoni mill-konsegwenzi li ssemmi l-ligi; f'dan il-kaz, il-konvenut-impjegat. Naturalment ukoll, l-accertament relattiv huwa affidavit lill-gudikant u dan ghandu jinvestiga u jevalwa jekk l-addebitu ventilat mill-konvenut ghandux verament riskontru fir-realta' jew huwiex semplici pretest biex il-konvenut jehles mill-obbligu kuntrattwali u legali tieghu";*

*(2) "fir-raguni tajba" jirrientraw fatti kemm soggettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b'riferiment ghal dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu ... ... u l-portata soggettiva tal-fatt innifsu, ossija c-cirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita' taghhom."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti taghmel s-segwenti osservazzjonijiet:

Huwa fatt li l-konvenuta kellha twelled ghall-habta ta' Marzu, 2010, izda waqt li kienet fuq btala l-Germanja, kienet spiccat welldet qabel iz-zmien stabbilit fit-28 ta' Dicembru, 2010 u t-tarbija kellha tinzamm fit-tqassima Intensiva gewwa l-Isptar fil-Germanja.

Billi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita barranija ma kellhiex min jiehu hsieb it-tarbija u kien ghalhekk li kienet gharrfet lill-atturi b'dan. L-atturi ma jmerux espressament, l-allegazzjoni

tal-konvenuta, li meta gharrfithom li kienet tqila, kienu ftehmu li, wara l-*maternity leave*, kellha tibda tahdem part-time u sahanistra dan setghet taghmlu mid-dar. Skond huma dan l-arrangament sar meta l-konvenuta kienet waslet biex tirritorna mill-maternity leave. Jean Pierre Schank jghid hekk: *"Is-socjeta' QGen Limited kienet dahlet f'arrangjament iehor mal-impjegata taghha Gila Isabel Al Chaaer fejn hija bdiet sahansitra tahdem mid-dar taghha b'kundizzjonijiet differenti minn dawk li hija kienet impjegata bihom."*[18] L-istess jghid l-attur Damian Mifsud.[19]

Il-*maternity leave* spicca fl-4 ta' April, 2010. L-atturi ma gabux provi biex jirribadixxu l-allegazzjoni tal-konvenuta u cioe' li cirka xahar qabel ma kien ser jiskadi z-zmien tal-*maternity leave* kienet talbithom sabiex jinfurmawha dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha. Jidher li kienu qed jevitawha, sakemm f'April, 2010 il-konvenuta kienet marret l-ufficcju u kienet tkellmet ma' l-attur Schank, li kien qallha li sa dak iz-zmien ma kellux xoghol ghaliha, ghax kien dahhal haddiem iehor minflokha, u li ma kienx f'qaghda finanzjarja li jhallasha. Il-konvenuta xehdet hekk: *"He told me that he still had no work for me, but promised to ask for the work permit renewal just the same. He also told me that he did not have enough money to pay me for the maternity leave yet."*[20]

Kien biss xahar wara, li l-konvenuta bdiet terga' tahdem mas-socjeta' QGen Limited u cioe' fit-12 ta' Mejju, 2010 mid-dar taghha ghal ghoxrin siegha f'gimgha. Minkejja li dakinhar is-socjeta' attrici kienet hallsitha in parte ghall-perjodu tal-*maternity leave* s-somma ta' €2,565.38 ghax ma kellux bizzejjed fondi dak iz-zmien, fl-14 ta' Mejju, 2010, l-attur Damian Mifsud kien infurmaha li ma kellix dritt ghall-paga ta' *maternity leave.*

Il-konvenuta baqghet tahdem bla ma tircievi paga sa Novembru, 2010, u sa ma ghalqu s-sitt xhur minn meta spicca l-*maternity leave.* Qatt ma abbandunat l-impjieg taghha u s-socjeta attrici ma pproducewx provi biex jikkontradixxu dak li allegat il-konvenuta. Anzi jirrizulta li kien biss fuq insistenza tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrjali u tal-Impjieg kienu hallsuha l-paga dovuta minn Mejju, 2010 sa' Novembru, 2010. Dan juri b'mod car u inekwivoku li l-verzjoni tal-konvenuta hija dik l-aktar verosimili, ghax hadmet b'mod effettiv u ma telqitx l-impjieg taghha qabel l-iskadenza ta' sitt xhur. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li x-

[18] Ara xhieda a fol.26 tal-process – Dokument DM2.
[19] Ara xhieda a fol.21 tal-process – Dokument DM1.
[20] Ara xhieda a fol.53 tal-process.

xhieda tal-konvenuta li meta harget tqila, l-atturi kienu wieghduha li wara li tiehu l-leave tal-maternita, hija setghet tirritorna lura xoghol fuq bazi part time u tahdem mid-dar, hija wkoll veritiera.

Il-pern tal-kwistjoni odjerna hu jekk il-konvenuta kinitx telqet mix-xoghol minghajr raguni tajba u bizzejjed u ghalhekk abbandunat l-impjieg taghha o meno, stante li abbazi ta' din il-konkluzjoni jiddependi jekk ghandhomx japplikaw is-sanzjonijiet fil-konfront taghha taht id-disposizzjoni tal-Artikolu 36(2) tal-Kap.452. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li ghalkemm l-atturi kienu accettaw mill-bidu net tat-tqala, kundizzjonijiet godda ghax-xoghol tal-konvenuta wara li tirritorna mill-*maternity leave,* fir-realta' kienu qed jittratjenu u jgibu kull skuza biex jaqtghulha qalbha tirritorna lura ghax-xoghol, sahansitra impjegaw lil xi haddiehor minflokha, u meta fl-ahhar tawha x-xoghol bhala part-timer, ma bdewx ithuha l-paga. Se mai, is-socjeta attrici kellha tittermina l-impjieg tal-haddiem il-gdid, ghab-bazi tar-regoli tar-*redundancy*, sabiex ix-xoghol tieghu jergghu jaghtuh lura lill-konvenuta.

Madanakollu, l-intenzjonijiet tal-atturi jidhru li kienu in *mala fede,* meta minkejja li ppromettew lill-konvenuta xoghol, ma ngabux provi li kienu geddew il-permess ghax-xoghol taghha, hlief f'Ottubru, 2010, meta l-konvenuta kienet irrapportathom l-ETC. Baqghu ma jhallsulhiex il-paga, anzi riedu jpacu l-pagament li kienu ghamlu in parte ghall-paga tal-*maternity leave* max-xoghol li tieghu ma kinitx thallset, bil-kundizzjoni li ma tergax titlob il-hlas tal-arretrati tal-*maternity leave*, haga li kienet inaccettabbli ghall-konvenuta. Barra minn hekk baqghu jinsistu li ma riedux ihallsuha l-bilanc dovut fuq il-paga ghall-*maternity leave* u kien biss wara li hadu passi d-Dipartiment tar-Relazzjonijet Industrijali u tal-Impjiegi li rceviet il-hlas, u dan kien biss fit-30 ta' Mejju, 2010. Huwa car daqs il-kristall, li l-konvenuta kienet saret zejda ghas-socjeta' konvenuta u peress li originarjament kienu ftehmu maghha li tibqa' impjegata part-time, kien evidenti li wara irrealizzaw li ma kienx jaqblilhom finanzjarjament u ghamlulha hajjitha difficli.

Kif jista' wiehed ghalhekk jippretendi li, wara li l-konvenuta ghaddiet minn dawn il-qtiegh ta' qalb kollu, il-konvenuta tafda lill-atturi u/jew lis-socjeta attrici. Wieghduha x-xoghol part-time wara l-leave tal-maternita, u x-xoghol gie wara, u ma kienux qed ihallsuha tieghu. Wieghduha l-paga tal-*maternity leave* u hallsu in parte, u bil-wicc tost kollu ippretendew li jiehdu l-flus lura. Wieghduha li ser jergghu jgeddu l-permess ghax-xoghol taghha u dan ma sarx hlief wara li ghamlet rapport mal-ETC f'Ottubru. Mill-provi migbura ma jidhirx li kien

hemm xi kontestazzjoni da parti tal-atturi fuq dawn il-fatti. Tenut kont ta' dan kollu, fl-umli opinjoni ta' dina l-Qorti jidher li l-konvenuta kellha raguni valida u bizzejjed biex tirrizenja mill-impjieg taghha wara sitt xhur u ghalhekk ghandha tigi ezonerata minn dak li jikkontempla l-Artikolu 36(20) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta huwa assolutament gustifikabbli.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez kollha kontra taghha.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**